MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 890/2005

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju numru 32/04
fl-ismijiet

Continental Cars Limited (C 2840)
vs
James Mangion, bin George u Josephine nee' Cauchi,
imwieled Pieta`, residenti Qormi ID 319670M

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' James Mangion li bih ippremetta:

Illi b'digriet tat-12 ta' Jannar 2004, din il-Qorti kienet laqghet it-talba tas-socjeta` Continental Cars Limited sabiex ir-rikorrent jigi inibit milli jittrasferixxi l-fond bl-isem "Solitaire", Triq il-Helsien, Qormi u l-garaxx bla numru in parti sottostanti l-istess dar, sabiex tigi kawtelata l-pretensjoni tal-istess socjeta` Continental Cars Limited illi tithallas is-somma ta' Lm65,000 minghand ir-rikorrent

bhala l-valur tal-prezz ta’ vetturi mibjugha lill-istess rikorrent.

Illi din il-pretensjoni kienet giet dedotta f’citazzjoni li l-istess socjeta` Continental Cars Limited kienet intavolat fil-konfront tar-rikorrent (citazzjoni numru 43/2004 GCD) u b’sentenza tat-2 ta’ April 2004, din l-istess Qorti kienet iddecidiet il-kawza billi kienet ikkundannat lir-rikorrent ihallas is-somma ta’ LM64,800 lis-socjeta` attrici.

Illi minn din is-sentenza, ir-rikorrent kien intavola appell illi sallum ma kienx ghadu gie appuntat.

Illi, fil-frattemp, ir-rikorrent kellu debitu mal-Bank of Valletta p.l.c., liema debitu kien jirrisali ghal perijodu antecedenti ghall-kreditu pretiz mis-socjeta` Continental Cars Limited, oltre li l-kreditu tal-imsemmi bank kien garantit bi privilegg u ipoteki iskritti fuq l-istess proprjeta` hawn fuq deskritta.

Illi, mhedded bi proceduri gudizzjarji mill-bank kreditur, ir-rikorrent kien gie kostrett illi joffri li jbiegh l-unici assi immobiljarji tieghu, u cioe` d-dar u l-garaxx fuq deskritti sabiex ihallas dan id-debitu privileggjat u b’hekk jevita mhux biss proceduri u spejjez gudizzjarji, izda wkoll illi l-istess proprjeta` tinbiegh b’subbasta u bi prezz ferm anqas minn dak fuq is-suq.

Illi ghalhekk ir-rikorrent kien dahal f’konvenju ghall-bejgh tal-istess proprjeta` msemmija ma’ terzi, kif kien jirrizulta minn dokumenti ‘JM1’ u ‘JM2’ annessi mar-rikors, u l-bank kreditur kien accetta l-offerta tar-rikorrent, taht il--kundizzjonijiet specifikati fid-dokument ‘JM3’ anness mar-rikors.

Illi mid-dokumenti ezebiti kellu jirrizulta b’mod inekwivoku li l-prezz shih derivanti mill-bejgh prospettat tal-imsemmija proprjeta` immoblijari, kien ser jigi applikat *in toto* sabiex jinqata’ l-bicca l-kbira tad-debitu dovut lill-Bank of Valletta p.l.c., illi jgawdi kreditu privileggjat fil-konfront tar-rikorrent u anke tas-socjeta` Continental Cars Limited - illi l-kreditu talvolta ezistenti favur taghha huwa wiehed semplici.

Illi kienet l-umli fehma tar-rikorrent illi ma kienx ikunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh il-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 32/2004, f’cirkostanzi fejn ir-rikorrent kien qieghed juri b’mod inekwivoku li l-istess proprjeta` kienet sejra tinbiegh sabiex jithallas kreditu privileggjat u antecedenti ghal dak pretiz mis-socjeta` Continental Cars Limited, u b’mod sabiex jigu evitati proceduri u spejjez gudizzjarji bla bzonn, inkluz il-bejgh in subbasta tal-istess proprjeta`, illi l-Bank kreditur kien gja hedded li jintavola fil-konfront tar-rikorrent fl-eventwalita` li ma jithallasx il-kreditu tal-istess bank fi zmien qasir.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti joghogobha li, a tenur tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-Mandat ta’ Inibizzjoni kawtelatorju numru 32/2004 fl-ismijiet fuq premessi jigi revokat ghal kollox.

## B. RISPOSTA:

Rat ir-risposta tas-socjeta` Continental Cars Limited li biha kienet qeghda topponi t-talba migjuba fir-rikors ta’ James Mangion u iddikjarat li r-ragunijiet ghaliex it-talba ma kellhiex tigi milqugha kienu s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma kenitx kompetenti li tisma’ dan ir-rikors stante li a tenur tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-rikors kien messu sar lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza u din il-Qorti ma kellhiex tittratta din il-kawza.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, jekk jitnehha l-mandat ta’ inibizzjoni d-drittijiet tas-socjeta` Continental Cars Limited kienu ser jigu kompletament stultifikati peress li, kif kien qal ir-rikorrent stess, id-dar u l-garaxx kienu l-unici assi immobiljari tieghu u l-prezz li jissemma fuq il-konvenju anqas jissodisfa l-pretensjonijiet kollha tal-Bank of Valletta p.l.c.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, minn imkien ma kien jirrizulta jekk il-prezz li jissemma fuq il-konvenju kien

verament l-oghla prezz li kienu setghu jgibu d-dar u l--garaxx fuq is-suq tenut kont ukoll tal-fatt li l-valur tal-proprjeta` kien qieghed jghola b'rata mghaggla hafna.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, minn imkien ma kien jirrizulta li l-prezz li talvolta kienu jistghu jgibu d-dar u l-garaxx f'bejgh b'subbasta huwa necessarjament anqas mill-prezz imsemmi fil-konvenju.

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-effett tal-ittra tal-bank esebita bhala Dok JM3 kien jidher li skada fis-7 ta' Settembru li ghadda u ghalhekk ir-ragunament tar-rikorrenti, sakemm kien bazat fuq l-istess ittra, ma kienux applikabbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi din id-decizjoni hija dwar l-eccezzjoni li din il-Qorti mhix kompetenti li tisma' dan ir-rikors stante li a tenur tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors kien messu sar lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza u din il-Qorti ma ghandhiex tittratta din il-kawza.

Fin-nota tas-sekwestrati gie sottomess li huma kellhom XELTA li jew iressqu r-rikors ghar-revoka quddiem il-Qorti li harget il-mandat ***de quo*** jew quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Fin-nota taghhom is-sekwestranti irribattew l-argument li hemm XELTA fejn jigu intavolati l-proceduri ghax il-ligi tispecifika fejn ghandu jigi pprezentat ir-rikors f'kaz li TKUN SARET IL-KAWZA minhabba li l-legislatur ried li l-kaz jigi deciz mill-Qorti li l-aktar qeghda f'pusizzjoni tajba biex tizen min mill-kontendenti ghandu ragun fuq bazi ***prima facie***.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-artikolu 836 (1) tal-Kap 12 jghid:
(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:...

Forsi hu utili f'dan il-kaz li wiehed ihares ukoll lejn it-test ingliz:

"(1) Without prejudice to any other right under this or any other law, the person against whom any precautionary act has been issued, may make an application to the court issuing the precautionary act, or, if a cause has been instituted, may make an application to the court hearing such cause, praying that the precautionary act be revoked, either totally or partially, on any of the following grounds:…"

Hu interessanti li wiehed jikkwota wkoll l-provvediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta [Imh G Caruana Demajo] tas-6 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Brian Bugeja, Raymond Malia u Pauline Cilia vs Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited** Rikors 304/2005 fejn intqal:
"Dan il-provvediment huwa dwar talba biex il-Qorti thassar mandat kawtelatorju u biex tikkundanna lil dawk illi fuq talba taghhom inhareg il-mandat ihallsu penali.
Il-kawza dwar il-meritu tal-pretensjoni mharsa bil-mandat qeghda bhalissa tigi ittrattata mill-Qorti ta' l-Appell, u kienet ga quddiem dik il-Qorti meta sar ir-rikors li bih infethu dawn il-proceduri tal-lum. Ghalhekk, kif irid l-artikolu 836 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ir-rikors kellu jsir quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u mhux quddiem din il-Qorti.
Ghal din ir-raguni il-Qorti ma tqisx aktar it-talbiet maghmula bir-rikors."

Ghandu jigi rilevat li l-ligi ssemmi b'mod car li l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat. Hawn wiehed irid josserva x'tghid il-ligi fil-kaz li tkun saret kawza u f'dan il-kaz lill-Qorti li tkun qedgha tittratta dik il-**kawza [*to the court hearing such cause*]**. Fil-kaz in ezami l-Qorti li qedgha tittratta dik il-kawza [***hearing such cause***] certament li mhix il-Prim'Awla ghax din ma ghandha ebda awtorita' aktar dwar dik il-kawza u ma tista' taghmel xejn dwar dik il-kawza. Wiehed ma jistax jaghmel applikazzjoni restrittiva tal-kliem u jifhem li tittratta tapplika ghal xi trattazzjoni finali. Il-fatt li l-kawza tista' ma tkunx ghadha giet appuntata hija irrilevanti ghax il-kawza tkun qedgha quddiem il-Qorti ta' l-Appell li tkun ghalhekk qedgha ***hearing*** il-kawza. Kuntrarjament ghal dak li jsostni ir-rikorrent f'dawn il-proceduri ma hemm ebda XELTA li taghzel quddiem liema Qorti trid tmur.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni li din il-Qorti mhix kompetenti li tisma' dan ir-rikors stante li a tenur tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors kien messu sar lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza u cioe` l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------